**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 12 – IT-TLIETA, 9 TA' ĠUNJU 2015 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairperson |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairperson |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat | Simon Ellul Sullivan | Membru |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 11**

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. Fil-paragrafu 3.14 għandha tinbidel "Marki ġodda" minflok "refreshing tal-marki".

1.2 Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Dr Frank Bartolo ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson***

2.1 Ġiet innutata d-data għal-laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija fil-25 ta' Ġunju 2015.

2.2 Iċ-Chairperson informa lill-KAK li attenda għal smiegħ tal-MEPA rigward l-applikazzjoni għall-iskola fi Triq il-Virdun. Dan l-ismiegħ ġie posponut peress li kien hemm talba mill-Perit tar-residenti biex iċ-Chairperson tal-Kappara jiġi rikonuxxut bħala objector. Dan huwa possibbli peress li ċ-Chairperson ta' qabel kien reġistrat bħala objector meta saret l-applikazzjoni. Dan jista' jinbidel maċ-Chairperson preżenti.

2.3 Kien hemm diskussjoni fuq il-kwotazzjoni għal tliet noticeboards għal Kappara (SGLC/Q/03/15). Ġiet innutata li kien hemm offerta waħda. Ġie deċiż li tiġi rakomandata din l-offerta lill-Kunsill. Dawn għandhom jitwaħħlu, waħda fi Triq Antonio Schembri fejn il-Ġnien u oħra fi Triq tas-Sliema kantuniera ma' Triq il-Falkun. It-tielet waħda għandha tiġi deċiża aktar tard.

2.4 Kien hemm diskussjoni wkoll fuq il-kwotazzjoni għal manutenzjoni tal-Ġnien GM Camilleri fil-Kappara (SGLC/Q/02/15). Ġie innutat li kien hemm erba' offerti. Ġie deċiż li tiġi rakomandata li tintgħażel l-irħas offerta lill-Kunsill.

2.5 Wara laqgħa fuq il-post mal-Perit u l-kuntrattur ġie deċiż li ssir il-parti l-oħra tal-bankina fi Triq ir-Rundun. Għandha titwaħħal ittra mal-garaxxijiet biex is-sidien jiġu avżati jemendaw ir-rampa tagħhom peress li l-bankina għandha ssir sew.

2.6 Ġew innutati xi ilmenti fi Triq ir-Russett. Dawn jinkludu wires imdendlin, dgħajsa fuq karru, plot bil-weraq ħerġin fuq il-bankina u bżonn ta' emendi fil-marki tal-parkeġġ. Ġie deċiż li jiġu ndirizzati l-ilmenti.

**3 Affarjiet oħra**

3.1 Is-Sur Alfred Mangion ilmenta fuq numru ta' issues pendenti ma' TM li minkejja li intbagħtu reminders, il-Kumitat baqa' mingħajr risposta. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-Ministru Joe Mizzi rigward dan.

3.2 Kien hemm diskussjoni fuq il-problema ta' skart domestiku li jinħareġ barra mill-ħin tiegħu. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lir-residenti tal-Blokk Coral Apts fi Triq Birkirkara.

3.3 Ġie innutat kwantità ta' trab fi Triq Birkirkara wara x-xogħol ta' trinka minn WSC. Ġie deċiż li tintalab lil WSC biex jitneħħa dan it-trab.

3.4 Kien hemm diskussjoni fuq il-qtugħ ta' siġra fil-Ġnien tal-Kappara meta din kella tiġi biss miżbura. Ġie deċiż li jintalab li jkun preżenti l-Kunsillier Dominic Cassar biex tiġi diskussa din il-materja.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 14 ta' Lulju 2015 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Stefan Bonello Ghio** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Chairperson** |